II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1374

tal-25 ta' Lulju 2017

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Il-Kunsill irreveda dożinjazzjoni individwali waħda li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014. Jenħtieġ li l-entrata dwar dik il-persuna tiġi emendata.

(3) Jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014, taħt l-intestatura 'Persuni', l-entrata Nru 92 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"92.	Arkady Romanovich ROTENBERG, Arkadii Romanovich ROTENBERG (Аркадий Романович РОТЕНБЕРГ)	Data tat-Twelid: 15.12.1951 Post tat-Twelid: Leningrad (San Pietruburgu).	Arkady Rotenberg huwa negozjant Russu prominenti, li għandu rabtiet personali mill-qrib mal-President Putin. Sa minn Marzu 2014, Rotenberg, jew il-kumpanniji tiegħu, irċevew kuntratti Statali li jammontaw għal aktar minn USD 7 biljun. Fl-2015, Rotenberg kien fil-quċċata tal-lista annwali ta' kuntratti tal-gvern f'termini ta' valur, wara li ngħata kuntratti li jiswew 555 biljun rublu mill-Gvern Russu. Ħafna minn dawn il-kuntratti ngħataw mingħajr proċessi kompetittivi formali. Fit-30 ta' Jannar 2015, il-Prim Ministru Dmitry Medvedev iffirma digriet li ta lill-kumpannija Stroygazmontazh ta' Rotenberg kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment. Permezz ta' dawn il-kuntratti hu bbenefika finanzjarjament minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-lvant tal-Ukrajna. Huwa s-sid tal-kumpannija Stroygazmontazh li ngħatat kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment u għalhekk jikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa li b'hekk imbagħad tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Bl-istess mod, f'Jannar 2017, Stroygazmontazh ingħatat kuntratt Statali li jiswa 17-il biljun rublu għall-bini ta' linja ferrovjarja fuq il-pont ta' Kerch li għal darb'oħra tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li notevolment implimentat il-proġett 'Lit-Tfal tar-Russja: Indirizz — Krimea', kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja u b'hekk appoġġat il-politika tal-Gvern Russu li tintegra l-Krimea fir-Russja.	30.7.2014"